# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 1035/2011/VG**

**Rainbowmix Concrete Limited [C-6763]**

**vs**

1. **A. Montebello Tyres Limited [C-8086]**
2. **Charles MANGION [ID. Nru. 110160M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-22 ta' Dicembru, 2011** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' seba' mija wiehed u erbghin euro u tmienja u disghin centezmi ta' euro [€741.98c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "ILLI s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenuti, jew lil min minnhom, materjal tal-kostruzzjoni, ossija *bricks*, fuq l-inkarigu u ghal beneficcju taghhom;
>
> ILLI ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu s-somma ta' seba' mija u wiehed u erbghin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€741.98), bhala bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-prezz tal-istess imsemmi materjal tal-kostruzzjoni, huma baqghu inadempjenti.
>
> GHALDAQSTANT, jghidu l-konvenuti ghalfejn m'ghandux dan it-Tribunal, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna, jikkundanna lill-konvenuti, solidament bejniethom jew min minnhom, ihallsu, lis-socjeta attrici, s-somma ta' seba' mija u wiehed u erbghin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€741.98), bhala bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-prezz ta' materjal tal-kostruzzjoni, ossija bricks, li

gie mibjugh u kkonsenjat lilhom mill-istess socjeta attrici fuq l-inkarigu u ghal beneficcju taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2221/11 tal-10 ta' Gunju 2011, u bl-imghaxijiet, dekorribbli mid-data tal-bejgh u l-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni skond il-ligi".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fis-6 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Il-kumpanija A. Montebello Tyres Limited qed topponi ghat-talba attrici ghas-segwenti ragunijiet:

1. It-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. It_talba attrici hija ukoll preskritta ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. It-talba attrici hija ukoll preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Minghajr pregudizzju gha-suespost jigi rilevat illi l-kumpannija A. Montebello Tyres Limited ma xtrat ebda 'bricks' minghand il-kumpanija attrici u ghalhekk wisq anqas hija debitrici tal-kumpannija attrici.

5. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija A. Montebello Tyres Limited hija kreditrici tal-kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Rainbowmix, inkluz il-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited, u dana ghal somma li teccedi bil-bosta l-pretensjoni vantata fl-avviz promotur u konsegwentement, li kieku kellhu jirrizulta li l-kumpannija A. Montebello Tyres Limited xtrat u hadet in konsenja 'bricks' minghand Rainbowmix Concrete Limited, fatt kontestat mill-kumpanija esponenti, ghandha issehh tpacija bejn l-ammont pretiz mill-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited u parti mill-kreditu dovut lil A. Montebello Tyres Limited.

6. Ma huwiex minnhu li l-kumpannija A. Montebello Tyres Limited giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas tal-ammont pretiz, tant illi sad-data ta' llum anqas invoice qatt ma irceviet minghand Rainbowmix Concrete Limited ghall-allegat 'bricks' li allegatament gew mixtrija u ittiehdu in konsenja mill-kumpannija A. Montebello Tyres Limited.

7. Salv kull eccezzjoni ohra permessa mill-Ligi".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal.

Ra d-digriet datat 15 ta' Lulju, 2013 fejn filwaqt li gie ordnat l-inverzjoni tal-provi ghar-rigward ta' l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta intimata A. Montebello Tyres Limited inghad ukoll li "*wara li jitlestew il-provi dwar il-preskrizzjoni, jibdew il-provi tas-socjeta rikorrenti in sostenn tat-talba taghha u l-provi tas-socjeta intimata ghar-rigward ta' l-istess sabiex tinghata sentenza wahda fuq il-punti kollha in kontestazzjoni*" (fol. 57).

Ra d-digriet datat 8 ta' Jannar, 2014 u li permezz tieghu laqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti sabiex kull fejn hemm il-kelma *bricks* fit-talba originali u fir-risposta ghall-istess talba, din ghandha tigi sostitwita bil-kelma konkrit.

Ra l-verbal datat 24 ta' Gunju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, s-socjeta rikorrenti talbet lill-intimati, jew lil min minnhom, ihallsuha s-somma ta' €741.98c rapprezentanti materjal tal-kostruzzjoni, ossija konkrit[1], fuq l-inkarigu u ghal beneficcju taghhom. L-intimat Charles Mangion, minkejja li gie debitament notifikat baqa qatt ma ressaq risposta. Da parti taghha, s-socjeta intimata resqet diversi eccezzjonijiet. Bdiet biex qalet li t-Talba tas-socjeta rikorrenti hija perenta a tenur ta' l-artikoli 2148(b), 2149(a) u 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Sostniet ukoll li hi ma xtrat ebda 'bricks' minghand is-socjeta rikorrenti u ghalhekk wisq anqas hija debitrici taghha. F'kull kaz, kompliet tghid is-socjeta intimata, hija kreditrici tal-kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Rainbowmix, inkluz il-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited, u dana ghal somma li teccedi bil-bosta l-pretensjoni vantata fl-avviz promotur u konsegwentement, li kieku kellhu jirrizulta li hi xtrat u hadet in konsenja 'bricks' minghand Rainbowmix Concrete Limited, fatt kontestat minnha, ghandha issehh tpacija bejn l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti u parti mill-kreditu dovut lilha. Ziedet tghid li hi qatt ma giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas tal-ammont pretiz, tant illi sad-data ta' meta pprezentat ir-risposta taghha anqas fattura qatt ma irceviet minghand is-socjeta rikorrenti ghall-allegat 'bricks' li allegatament gew mixtrija u ittiehdu in konsenja minnha.

Ikkunsidra ulterjorment;

[1] Il-kelma *bricks* giet sostitwita bil-kelma konkrit permezz ta' digriet datat 8 ta' Jannar, 2014.

2. Nibdew bl-ewwel eccezzjonijiet, dawk relatati mal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna. Jibda biex jinghad li r-regoli tal-preskrizzjoni minhabba n-natura taghhom u l-effett li jgibu maghhom fuq l-azzjoni attrici, ghandhom jinghataw tifsira ristretta u ma jitwessghux b'analogija jew implikazzjoni[2]. Ghalhekk, jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjenti. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu. Imbaghad, f'kaz fejn iz-zmien jigi ppruvat, il-piz tal-prova li dak iz-zmien gie miksur jaqa fuq il-parti attrici[3].

3. Jinsab stabbilit ukoll il-principju li ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tieghu spontaneju ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat li jirrendi nkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fundament tal-preskrizzjoni[4].

4. Qabel ma jinoltra ruhhu fuq l-aspett tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta intimata, t-Tribunal irid jezamina jekk il-hames eccezzjoni taghha iggiebx fix-xejn l-ewwel tlett eccezzjonijiet taghha u cioe dawk li jitkellmu dwar il-preskrizzjoni. Is-socjeta intimata fil-hames eccezzjoni taghha tghid testwalment hekk:

   "*Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija A. Montebello Tyres Limited hija kreditrici tal-kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Rainbowmix, inkluz il-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited, u dana ghal somma li teccedi bil-bosta l-pretensjoni vantata fl-avviz promotur u konsegwentement, li kieku kellhu jirrizulta li l-kumpannija A. Montebello Tyres Limited xtrat u hadet in konsenja 'bricks' minghand Rainbowmix Concrete Limited, fatt kontestat mill-kumpanija esponenti, <u>ghandha issehh tpacija bejn l-ammont pretiz</u> mill-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited <u>u parti mill-kreditu dovut</u> lil A. Montebello Tyres Limited*".

   (sottolinejar tat-Tribunal)

5. Naraw li skond il-gurisprudenza taghna, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tat-tpacija huma inkompatibbli ma xulxin. Bizzejjed li ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Thomas Zahra et vs Joseph Cassar et** deciza fit-30 ta' Lulju, 2015[5] fejn inghad li "*Hu maghruf li eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'hijiex kompatibbli mattpacija, fejn min jipproponiha jkun qieghed jammetti li hu wkoll hu debitur tal-parti l-ohra*". Hemm skorta ta' gurisprudenza sekulari li huma ta' l-istess fehma u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jinoltra ruhhu ulterjorment fuq dan l-aspett.

---

[2] **Noel Ellul noe vs Francis Vella noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Mejju, 2001;
[3] **Micallef vs Belle McCance** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju, 1952 u **Emanuel Pace vs Fredu Fenech**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fl-20 ta' Marzu, 1978;
[4] **Emanuel Aquilina vs Geraldo Sammut** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ottubru, 1953;
[5] Rik. Mah. Nru. 861/2014 per Onor. Imhallef Dr. A. Ellul

Ghalhekk, in vista ta' dan, l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta intimata li lkoll jirrigwardaw eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni qeghdin jigu michuda.

Ikkunsidra;

6. **Mark Aquilina**, direttur tas-socjeta rikorrenti qal li fid-9 ta' Frar, 2009 is-socjeta minnu rapprezentata kienet issuppliet materjal ta' kostruzzjoni cioe bricks, konkrit u dumping. Huwa ra l-fattura li hemm esebita a fol. 38 tal-process u qabel li din tirrigwarda konkrit tat-tip C 25. Qal ukoll li s-socjeta minnu rapprezentata kienet ipprezentat ittra ufficjali fl-10 ta' Gunju, 2011 – debitament notifikata fis-16 ta' Gunju, 2011 – kontra s-socjeta intimata ghal hlas tas-somma mitluba b'dawn il-proceduri. Qabel din id-data ma kienet giet intavolata l-ebda ittra ufficjali ohra. Sahaq li l-ammont reklamat gej minn *credit note* li huwa f'ammont ikbar minn dak mitlub. Qal li r-rapprezentant tas-socjeta intimata, Charles Montebello kien qallu li huwa kien ser jirranga dan il-kont li kien hemm permezz ta' din il-credit note. Stqarr li fit-30 ta' Lulju 2008 s-socjeta intimata kienet tat struzzjonijiet lis-socjeta rikorrenti sabiex tissupplixxi lill-intimat Charles Mangion b'erbat' elef liri Maltin (Lm4,000) f'materjal. In sostenn ta' dan, huwa esbixxa dokument li gie mmarkat bhala dok. MA1 (fol. 69). Skond ma jirrizulta minn dan l-ahhar dokument, kien hemm miktub li "*credit amount of €9317.49 is to be settled later on against outstanding balance between A. Montebello Tyres Ltd. and Penza Ltd.*" (fol. 69). Dwar dan, ix-xhud qal li Charles Montebello kien qallu li Penza kien ser jghaddilu *credit note* f'dan l-ammont ta' €9317.49c. Montebello kien qallu ukoll li "*jekk ma nirrangawx jiena u Penza allura huwa kien ser ihallasni u cioe nirrangaw bejnietna*" (fol. 68). Dan id-diskors, kompla jghid ix-xhud kien sar bejn meta inghatat il-konsenja u d-data ta' l-ittra ufficjali aktar il-fuq imsemmija.

In kontro-ezami, x-xhud qal li huwa kien qieghed jaqbel ma dak li kien qieghed jigi suggerit lilu u cioe li kien hemm ittra datata 30 ta' Lulju, 2008 miktuba mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti u li din ta' l-ewwel kienet awtorizzat lill-intimat Charles Mangion sabiex jiehu b'€9317 f'xoghol minghandha u cioe mis-socjeta rikorrenti. Qal ukoll li kien hemm qbil li dan l-ammont jigi ssettiljat fi stadju ulterjuri. Zied ighid pero li meta s-socjeta intimata kienet baghtitlu dik l-ittra, "*ma kien hemm l-ebda ftehim ghadu ma' Penza u allura jiena bhala kumpanija ma stajtx naccetta tali rikjesta pero s-supplies ghamilthom u ghamilthom lil Charles Mangion l-intimat fuq l-ittra illi kien baghat Montebello u cioe s-socjeta intimata b'hekk jiena kont qieghed naccetta l-credit note b'isem Montebello*" (fol. 96). Dwar jekk kienx minnu li l-kwistjoni tal-firma falza kienitx qamet proprju fl-ahhar, meta kien ghad fadal biss ftit flus x'jittiehdu mill-*credit note*, x-xhud qal li huwa kien qajjem l-oggezzjoni direttament ma' Charles Montebello meta kienu lehqu ttiehdu b'madwar hames jew sitt elef euro (€5000/€6000) f'xoghol u kien infurmah li huwa kien ghadu ma lehaq f'ebda ftehim ma' Penza. Ir-risposta ta' Montebello, skond ix-xhud kienet "*ibqa tih imbaghad nirrangaw bejnietna*" (fol. 96).

7. **Charles Montebello** qal li x-xoghol is-socjeta intimata huwa fil-karozzi u t-tyres u ma ghandhiex xoghol relatat mal-kostruzzjoni. Kompla jghid li darba fost l-ohrajn kien mar ghand is-socjeta intimata, l-intimat l-iehor Charles Mangion u kien infurmah li kellhu

vettura ghal bejgh. Gie milhuq ftehim bejniethom li kien jikkonsisti parti fi flus u parti fi tpartit. It-tpartit kienet *credit note* fl-ammont ta' Lm5,000 minghand is-socjeta rikorrenti, li kienet inghatat lis-socjeta intimata mill-kuntrattur Carmelo Penza. Ix-xhud kompla jghid li s-socjeta rikorrenti "*mbaghad kienet taghtni karta li hija kienet qeghda taccetta li taghti lil Charlie Mangion is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) fi credit note*" (fol. 92-93). Dan Mangion, bis-sahha ta' din il-*credit note* beda jiehu x-xoghol minghand is-socjeta rikorrenti. Sussegwentement, l-iskrivana tieghu infurmatu li s-socjeta rikorrenti ma kienitx ser tibqa tonora l-imsemmija *credit note* peress li skond din ta' l-ahhar kien hemm xi firma falza fuq l-istess *credit note*. Mistoqsi jekk is-socjeta minnu rapprezentata kienitx qatt irceviet xi fattura jew statement ghax-xoghol li kien ittiehed, huwa qal li "*jiena ma kellix ghalfejn nircievi fatturi jew karti minghand is-socjeta rikorrenti l-ghaliex jiena niehu minghandha kelli mhux intiha*" (fol. 93).

In kontro-ezami qal li l-*credit note* li huwa kien ghadda lill-intimat Charles Mangion, meta dan ta' l-ahhar kien bieghlu l-vettura tieghu, kienet rilaxxjata mis-socjeta rikorrenti. Din il-*credit note* kienet ghal ammont ta' Lm5,000. Kien l-intimat Charles Mangion li kien infurmah li s-socjeta rikorrenti kellha xi xoghol ma' Penza u li allura huwa seta juza din il-*credit note*. Kompla jghid li qabel ma huwa ghadda din il-*credit note* lil initmat Mangion, huwa kien tkellem ma xi hadd minn tas-socjeta rikorrenti li kkonfermawlu li setgha jghaddihielu. Lil min kien kellem pero, x-xhud ma ftakarx.

Mistoqsi mit-Tribunal kif kienet giet ghand is-socjeta intimata l-*credit note* in kwistjoni, x-xhud qal li Penza Construction kellha taghti lis-socjeta intimata xi flus. Parti minn din is-somma li kellha taghti Penza Construction lis-socjeta intimata inghatat permezz ta' *credit note* rilaxxata mis-socjeta rikorrenti. L-ammont tal-*credit note* kien ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000). Is-socjeta intimata imbaghad, meta xtart il-vettura ta' l-intimat Mangion, kienet taghtu, apparti flus kontanti, diversi *credit notes* fosthom dik rilaxxata mis-socjeta rikorrenti lil Penza Construction u li din ta' l-ahhar kienet ghaddietha lis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata mbaghad kienet kitbet lis-socjeta rikorrenti biex tinfurmaha li hija kienet ghaddiet il-*credit note* taghha, rilaxxata originarjament lil Penza Construction, lil intimat Mangion u allura huma kellhom jibdew jghaddu x-xoghol lil istess intimat Mangion. Hekk gara u fil-fatt, kompla jghid ix-xhud, l-intimat Mangion beda jiehu x-xoghol minghand is-socjeta rikorrenti.

Mistoqsi x'kienet ir-raguni l-ghala ma ssemmietx din il-*credit note* li kienet qeghda tinghata lil Mangion fl-ittra datata 30 ta' Lulju, 2008 huwa qal li ma kien hemm l-ebda skop li ma tissemmiex u li huwa kiteb l-imsemmija ittra a bazi ta' l-istess *credit note*. Qal li din il-*credit note* tant kienet tezisti li s-socjeta rikorrenti ghamlet sena taghti x-xoghol lill-intimat Mangion.

Fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2014 huwa esebixxa *credit note* li ghaliha kien ghamel referenza fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2014. Din il-*credit note* giet immarkata bhala dok. CM1 (fol. 118). Qal li dan id-dokument iggib id-data tad-29 ta' Lulju, 2008 u huwa maghmul fuq *letterhead* tas-socjeta Penza Limited u fuqu hemm il-firem ta' Mark Aquilina, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti u ohtu. Dan id-dokument kien inghata lilu

minn Carmelo Penza. Dwar dan id-dokument, Mark Aquilina, fid-deposizzjoni tiegħu mogħtija fl-istess seduta hawn appena msemmija qal li huwa ma huwiex jagħraf il-firma li hemm fuq ismu bħala li hija tiegħu u li ħadd ma kien awtorizzat li jiffirma xi dokument għas-soċjeta rikorrenti jekk mhux hu jew missieru.

Ix-xhud esebixxa ukoll dokument ieħor li ġie mmarkat bħala dok. CM 2 (fol. 119) datat 22 ta' Lulju, 2008 li kienet intbagħtet minn Penza Construction u s-soċjeta intimata lis-soċjeta rikorrenti. Permezz ta' din l-ittra, Penza Construction Limited kienet awtorizzat lis-soċjeta intimata sabiex tieħu l-ekwivalenti ta' €9317 f'prodotti mingħandha. B'referenza għad-dok. MA 1 (fol. 69) huwa qal li s-soċjeta rikorrenti qatt ma kienet qaltlu li ma rċevitiex jew li ma kienitx qegħda taċċettaha. Din l-ittra kienet qegħda tawtorizza, kif diġa ingħad, lil intimat Charles Mangion jieħu mingħand is-soċjeta rikorrenti, affarijiet fl-ammont ta' Lm4,000 pari għal €9317.49c li huwa l-istess ammont indikat fid-dokument hawn appena msemmi u ċioe d-dokument CM 2 (fol. 119). Dwar dan id-dokument, Mark Aquilina, fid-deposizzjoni tiegħu mogħtija fl-istess seduta hawn appena msemmija qal li s-soċjeta rikorrenti qatt ma kienet irċeviet dan id-dokument. Kompla jgħid li s-sistema tal-uffiċċju hija li kull ittra li tidħol għandhom tiġi ttimbrata u imbagħad jiġi indikat f'liema dipartiment trid tmur din l-ittra għar-rispons neċessarju. L-istess Mark Aquilina kien obbliga ruħhu li jivverifika jekk din l-ittra qattx waslet għand is-soċjeta rikorrenti, u jinforma lit-Tribunal b'dan, ħaġa pero li baqgħet qatt ma saret.

8. **Alfred Ciantar**, Financial u Credit Controller mas-soċjeta rikorrenti sa mis-sena 2008 xehed u qal li d-*delivery note* li hemm esebita a fol. 44 tal-proċess u li ġġib id-data tad-9 ta' Frar, 2009 kienet dwar konkos li kien ingħata lil intimat Charles Mangion. Qal li pero, dwar dan in-negozju, huma kienu jafu lis-soċjeta intimata. Huwa saħaq li l-kont indikat a fol. 43 tal-proċess fl-ammont ta' €741.98 għadu dovut fl-intier tiegħu. Mistoqsi dwar jekk kienx hemm Penza Construction involuta f'din il-konsenja, x-xhud wieġeb fin-negattiv u li ħadd ma kien semmielhu din il-kumpanija. F'seduta sussegwenti, u wara li kien ivverifika l-kotba tas-soċjeta rikorrenti, x-xhud qal li ma kien hemm l-ebda pendenzi bejn l-istess soċjeta rikorrenti u s-soċjeta Penza Construction u "*ma jeżistu l-ebda records ta' xi credit note maħruġa minn Rainbow Mix Concrete Limited lil Penza jew bil-maqlub*" (fol. 111).

9. **Carmelo Penza** qal li huwa kellu jagħti xi flejjes lis-soċjeta intimata fis-sena 2008. Qal li huwa kien qiegħed jiddubita mill-awtentiċita tad-dokument immarkat bħala dok. CM 1 a fol. 118 tal-proċess. Pero kkonferma d-dokument CM 2 a fol. 119 tal-proċess bħala dokument li ġie rilaxxat mis-soċjeta Penza Construction Limited u qabel mal-kontenut tiegħu. Qal li bis-saħħa ta' dan id-dokument, "*Montebello seta jieħu b'erbat' elef liri Maltin (Lm4,000) xogħol mingħand Rainbowmix u nħallsu jiena u ċioe Penza Construction Limited*" (fol. 130).

In kontro-eżami qal li kienet okkazzjoni ta' darba waħda biss li t-tlett soċjetajiet u ċioe dik minnu rappreżentata u s-soċjeta rikorrenti u dik intimata li issemmew f'daqqa, pero, kien hemm iktar minn okkazzjoni waħda li s-soċjeta Penza Construction Limited kienet għamlet negozju mas-soċjeta rikorrenti u iktar minn okkazzjoni waħda li l-imsemmija

socjeta ghamlet mas-socjeta intimata. Stqarr li filwaqt li huwa sab kopja tad-dokument esebit a fol. 119 (dok. CM 2) huwa ma sabx kopja tad-dokument a fol. 118 (dok. CM 1).

Mistoqsi jekk l-erbat' elef liri Maltin (Lm4,000) imsemmijin fil-credit note a fol. 119 tal-process kienx hallashom huwa qal li probbailment hekk ghamel jew inkellha kien hadhom b'xoghol b'xi negozju iehor. Stqarr ukoll li s-socjeta rikorrenti qatt ma talbitu ghal dawn il-flejjes u dan skond hu ifisser li hu ma ghandu jaghtiha xejn ghar-rigward ta' dan id-dokument.

Ikkunsidra ulterjorment;

10. Illi din il-kawza, li twalet u kkumplikat ruhha ghalxejn, fis-semplicita taghha hija dwar kreditu. Is-socjeta rikorrenti harrket lis-socjeta intimata u lill-intimat sabiex ihallsu l-ammont minnha reklamat f'dawn il-proceduri. Irrizulta li Penza Construction Limited kellha taghti xi flus lis-socjeta intimata. Minflok flus, hija tatha *credit note*. Is-socjeta intimata f'xi zmien kienet ghamlet negozju ma l-intimat fejn din ta' l-ewwel xtrat vettura minghand l-intimat. Ghal dan in-negozju, is-socjeta intimata hallset lill-intimat bi flus u *credit notes*. Wahda minn dawn il-*credit notes* kienet ghal ammont ta' €9317. Skond il-*credit note* li hemm esebita a fol. 119 (dok. CM 2) tal-process datata 22 ta' Lulju, 2008 Penza Construction Limited kienet awtorizzat lis-socjeta intimata sabiex tiehu l-ammont ta' €9317 "*worth of your products from our account*" (fol. 119) minghand is-socjeta rikorrenti. Da parti taghha, s-socjeta intimata kienet kitbet lis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Lulju, 2008 fejn awtorizzat lill-intimat Mangion jiehu f'materjal "*such as concrete/bricks and/or aggregates*" l-ammont ta' €9,317.49c (fol. 69). Is-socjeta rikorrenti qatt ma kitbet lis-socjeta intimata biex tinfurmaha li hija ma kienitx ser tonora din l-ittra. Di fatti rrizulta li l-intimat Mangion kien beda jiehu dan l-ammont izda imbaghad f'xi zmien, is-socjeta rikorrenti ma baqghetx timxi ma din l-ittra u b'hekk gie dovut l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri. Mill-provi prodotti, ma jirrizultax lit-Tribunal li l-materjal li kien qieghed jittiehed minn Mangion kien ghal uzu tas-socjeta intimata. Alfred Ciantar, Financial u Credit Controller tas-socjeta rikorrenti jikkonferma dan meta qal li "*dan il-konkos inghata lil Charlie Mangion pero ahna nafu lil Montebello Tyres Limited*" (fol. 106) u dan b'referenza ghad-*delivery note* a fol. 44 tal-process. Kif jafu lis-socjeta intimata pero ma jirrizultax. Jekk huwa biss minhabba l-ittra msemmija datata 30 ta' Lulju, 2008 (fol. 69), din kienet saret bis-sahha tal-*credit note* li Penza Construction Limited kellhu minghand is-socjeta rikorrenti. Illi ghalhekk, ghat-Tribunal, l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri huwa dovut mill-intimat Charles Mangion u minn hadd izjed. Dan l-intimat la qatt deher ghas-seduti u lanqas qatt ressaq risposta ghat-talba tas-socjeta rikorrenti.

11. Ghar-rigward tal-mertu, t-Tribunal huwa sodisfatt bid-dokumentazzjoni esebita u li l-ammonti reklamat huwa dovut.

12. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

i. Jichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni tas-socjeta intimata.

ii. Jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata, hlief ghal parti mir-raba eccezzjoni, fejn dawn huma b’xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz.

iii. Jilqa in parte r-raba eccezzjoni tas-socjeta intimata u jiddikjara li hija ma hijiex debitrici tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

iv. Jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Charles Mangion ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ seba’ mija wiehed u erbghin euro u tmienja u disghin centezmi ta’ euro [€741.98c], bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-konsenja u cioe mid-9 ta’ Frar, 2009 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu hekk:

(i) Is-socjeta rikorrenti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tas-socjeta intimata.

(ii) L-intimat Charles Mangion ghandhu jhallas l-kumplament ta’ l-ispejjez kollha.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**